Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8729 — EQT Fund Management/G+E GETEC Holding)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 403/09)

1. Fil-21 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— EQT Fund Management SARL ("EQT", il-Lussemburgu),

— G+E GETEC Holding GmbH that comprises: (i) GETEC heat & power AG; (ii) GETEC Wärme & Effizienz AG; (iii) GETEC media AG; (iv) GETEC shared services GmbH; (v) GETEC Contracting GmbH (flimkien "GETEC Targets", il-Ġermanja).

EQT takkwista skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll uniku tal-intier ta' GETEC Targets.

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet tan-negozju tal-impriżi kkonċernati huma:

— EQT huwa fond tal-investiment li jfittex li jagħmel investimenti fl-infrastruttura u f'assi marbutin mal-infrastruttura u n-negozji fl-Ewropa ta' Fuq, fl-Ewropa Kontinentali u fl-Amerika ta' Fuq,

— GETEC Targets hija speċjalizzata f'kuntrattar tal-enerġija fil-Ġermanja u fin-Netherlands.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja dejjem għandha tiġi speċifikata:

M.8729 — EQT Fund Management/G+E GETEC Holding

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' posta elettronika, bil-faks jew bil-posta. Jekk jogħġbok uża d-dettalji ta' kuntatt hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.